

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1196/2014**tat-30 ta' Ottubru 2014****li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Ewropea dwar is-soċjetà tal-informazzjoni.
- (2) Huma meħtieġa l-miżuri ta' implimentazzjoni biex jiġi deċiż liema dejta għandha titressaq għat-thejjja tal-istatistika fil-Modulu 1: "L-intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni" u l-Modulu 2: "Individwi, djar u s-soċjetà tal-informazzjoni", u biex jiġu ffixxati l-iskadenzi għat-trażmissjoni tagħhom.
- (3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dejta li trid tiġi trażmessa għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-soċjetà tal-informazzjoni kif imsemmi fl-Artikoli 3(2) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 fil-Modulu 1: "L-intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni" u l-Modulu 2: "Individwi, djar u s-soċjetà tal-informazzjoni", għandhom ikunu kif speċifikat fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠUL 143, 30.4.2004, p. 49.

ANNEX I

Modulu 1: L-intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni

1. IS-SUĠĠETTI U D-DETTALJI TAGĦHOM

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2015, magħżula mil-lista fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma:

- is-sistemi tal-ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi,
- il-kompetenza fl-ICT fl-unità tal-intrapriża u l-bżonn għal kompetenza fl-ICT,
- l-użu li l-intrapriżi jagħmlu mill-Internet u minn netwerks elettroniċi oħrajn,
- l-użu tat-teknoloġiji u l-aċċess għalihom li jipprovdi l-possibbiltà li wieħed jaqbad mal-Internet jew ma' netwerks oħra minn kullimkien kull ħin (konnettività ubikwa),
- il-proċessi u l-u aspetti organizzattivi tan-negozju elettroniku,
- is-sigurtà u l-fiduċja fl-ICT,
- il-kummerċ elettroniku,
- ostakli għall-użu tal-ICT, tal-Internet u ta' netwerks elettroniċi oħrajn, proċessi ta' kummerċ elettroniku u negozju elettroniku,

(b) Għandhom jinġabru l-karatteristiċi li ġejjin marbuta mal-intrapriżi:

Sistemi ta' ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi

Id-dettall li jrid jinġabar dwar l-intrapriżi kollha:

- l-użu tal-kompjuter.

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- (fakultattiv) il-persuni impjegati jew perċentwal tat-total ta' persuni impjegati li jużaw il-kompjuter għall-għani-jiet tan-negozju.

Kompetenza tal-ICT fl-unità tal-intrapriża u l-ħtieġa tal-kompetenzi fl-ICT

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- l-impjeg ta' speċjalisti tal-ICT,
- l-għoti ta' kwalunkwe tip ta' taħriġ għall-iżvilupp ta' ħilet marbutin mal-ICT għall-ispeċjalisti tal-ICT, matul is-sena kalendarja preċedenti,
- l-għoti ta' kwalunkwe tip ta' taħriġ għall-iżvilupp ta' ħilet marbutin mal-ICT għall-persuni impjegati oħra, matul is-sena kalendarja preċedenti,
- ir-reklutaġġ, jew tentattiv li jiġu reklutati, speċjalisti tal-ICT, matul is-sena kalendarja preċedenti,
- it-tweqqif tax-xogħlijiet tal-ICT li jidhru hawn taħt tul is-sena kalendarja preċedenti ("B'mod ewlieni mill-impjegati stess tal-intrapriża, fosthom dawk li jkunu impjegati fl-intrapriża prinċipali jew fintrapriża affiljata"; "B'mod ewlieni minn fornitur barrani"; "Ma japplikax"):
 - il-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ICT (servers, kompjuters, stampaturi, netwerks),
 - is-sostenn tas-softwer li jintuża fl-uffiċċju,
 - żvilupp ta' softwer/sistemi tal-ġestjoni ta' negozju,

- is-sostenn ta' softwer/sistemi tal-ġestjoni ta' negozju,
- l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-web,
- is-sostenn tal-applikazzjonijiet tal-web,
- is-sigurtà u l-protezzjoni tad-dejta.

Id-dettall li jrid jinġabar dwar l-intrapriżi li jużaw il-kompjuter u li rreklutaw jew ippruvaw jirreklutaw l-ispeċjalisti tal-ICT fis-sena kalendarja preċedenti:

- il-karigi vojta ta' speċjalisti tal-ICT li ma setgħux jimtlew fis-sena kalendarja preċedenti.

L-użu li l-intrapriżi jagħmlu mill-Internet u minn netwerks elettroniċi oħrajn

Id-dettall li jrid jinġabar dwar l-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- l-aċċess għall-Internet.

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-intrapriżi li għandhom aċċess għall-Internet:

- il-persuni impjegati, jew perċentwal tal-għadd totali ta' persuni impjegati li jużaw il-kompjuters b'aċċess għall-Internet għall-użu tan-negozju,
- konnessjoni mal-Internet: DSL jew kwalunkwe tip ieħor ta' konnessjoni fissa broadband,
- konnessjoni mal-Internet: konnessjoni broadband ċellulari permezz ta' apparat portabbli bl-użu tan-netwerks tat-telefown ċellulari ("3G" jew "4G"),
- (fakultattiv) konnessjoni mal-Internet: konnessjoni broadband mobbli permezz ta' kompjuter li jista' jinġarr bl-użu tan-netwerks tat-telefown ċellulari ("3G" jew "4G"),
- (fakultattiv) konnessjoni mal-Internet: konnessjoni broadband mobbli permezz ta' apparat ieħor li jista' jinġarr bħalma hu smartphone, bl-użu tan-netwerks tat-telefown ċellulari ("3G" jew "4G"),
- l-użu ta' websajt,
- il-persuni impjegati jew perċentwal tal-għadd totali tal-persuni impjegati li għandhom apparat portabbli li ngħatalhom mill-intrapriża, li jippermetti konnessjoni mal-Internet permezz tan-netwerks tat-telefown ċellulari, għall-użu tan-negozju,
- l-użu ta' netwerks soċjali, mhux biss biex jiddaħħlu r-reklami mħallsa,
- l-użu ta' blogs jew mikroblogs tal-intrapriża, mhux biss biex jiddaħħlu r-reklami mħallsa,
- l-użu ta' websajts li jqassmu kontenut multimedjali, mhux biss biex jiddaħħlu r-reklami mħallsa,
- l-użu ta' għodod ta' tqassim tal-għarfien bbażati fuq il-wiki, mhux biss biex jiddaħħlu r-reklami mħallsa,
- l-użu ta' reklami mħallsa fuq l-Internet.

Id-dettall li jrid jinġabar dwar l-intrapriżi li għandhom id-DSL, jew kwalunkwe tip ieħor ta' konnessjoni broadband fissa, mal-Internet:

- veloċità massima għat-tniżżil ikkuntrattata tal-iktar konnessjoni tal-Internet veloċi fMbit/s; ($[0, < 2]$; $[2, < 10]$; $[10, < 30]$; $[30, < 100]$; $[>= 100]$).

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-intrapriżi li għandhom websajt:

- il-provvista tal-faċilità li ġejja: deskrizzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi, listi tal-prezzijiet,
- il-provvista tal-faċilità li ġejja: il-faċilità biex tordna, tirriżerva jew tibbukkja onlajn,
- il-provvista tal-faċilità li ġejja: il-possibbiltà li l-viżitaturi jippersonalizzaw jew jiddisinjaw il-prodotti jew is-servizzi onlajn,
- il-provvista tal-faċilità li ġejja: it-traċċar jew informazzjoni dwar l-istatus tal-ordnijiet li jkunu saru,

- il-provvista tal-faċilità li ġejja: kontenut ippersonalizzat fil-websajt għall-viżitaturi regolari/rikorrenti,
- il-provvista tal-faċilità li ġejja: ħoloq jew referenzi għall-profilu tal-intrapriża fil-mezzi soċjali,
- (fakultattiv) il-provvista tal-faċilità li ġejja: stqarrija speċifika dwar il-politika ta' privatezza, is-siġill ta' privatezza jew iċ-ċertifikat tas-sikurezza tal-websajt,
- (fakultattiv) il-provvista tal-faċilità li ġejja: reklamar ta' karigi vojta jew applikazzjoni għal xogħol onlajn.

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw mezzi soċjali, li jirreferu speċifikament għal netwerks soċjali, bloggijiet jew mikrobloggijiet tal-intrapriża, websajts li jqassmu kontenut multimedjali, għodod ta' tqassim tal-għarfien fuq il-bażi ta' wiki għal finijiet li mhumiex it-tqegħid ta' reklami mħallsa:

- l-użu ta' mezzi soċjali għall-iżvilupp tal-immagħni tal-intrapriża jew għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti,
- l-użu ta' mezzi soċjali għall-ksib jew għat-tweġib tal-opinjoni, valutazzjonijiet jew mistoqsijiet tal-klijenti,
- l-użu ta' mezzi soċjali biex jiġu involuti l-klijenti fl-iżvilupp jew fl-innovazzjoni ta' prodotti jew servizzi,
- l-użu ta' mezzi soċjali għall-kollaborazzjoni mas-sħab fin-negozju jew ma' organizzazzjonijiet oħra,
- l-użu ta' mezzi soċjali għar-reklutaġġ tal-impjegati,
- l-użu ta' mezzi soċjali għall-iskambju tal-fehmiet, l-opinjoni jew tal-għarfien fi ħdan l-intrapriża,

L-aċċess għat-teknoloġiji u l-użu tagħhom li jipprovdu l-possibbiltà li wieħed jaqbad mal-Internet jew ma' netwerks oħra minn kullimkien kull ħin (konnettività ubikwa),

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-intrapriżi li għandhom aċċess għall-Internet:

- (fakultattiv) il-provvista ta' aċċess mill-bod għas-sistema tal-emejl, għad-dokumenti jew għall-applikazzjonijiet tal-intrapriża,
- (fakultattiv) l-użu ta' servizzi tal-cloud computing, minbarra servizzi mingħajr ħlas.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li għandhom aċċess għall-Internet u li jixtru s-servizzi tal-cloud computing:

- (fakultattiv) l-użu tal-emejl bħala servizz tal-cloud computing,
- (fakultattiv) l-użu tas-softwer tal-uffiċċju bħala servizz tal-cloud computing,
- (fakultattiv) l-ospitar tal-bażi(jiet) tad-dejta tal-intrapriża bħala servizz tal-cloud computing,
- (fakultattiv) il-ħżin ta' fajls bħala servizz tal-cloud computing,
- (fakultattiv) l-użu tas-softwer tal-finanzi jew tal-kontabbiltà bħala servizz tal-cloud computing,
- (fakultattiv) l-użu ta' Servizz tal-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti (CRM) bħala servizz tal-cloud computing,
- (fakultattiv) l-użu tas-saħħa informatika għat-tmexxija tas-softwer tal-intrapriża bħala servizz tal-cloud computing,
- (fakultattiv) l-użu tas-servizzi tal-cloud computing mibgħuta minn servers komuni tal-fornituri tas-servizzi,
- (fakultattiv) l-użu tas-servizzi tal-cloud computing mibgħuta minn servers ta' fornituri tas-servizzi, riżervati esklużivament għall-intrapriża.

Proċessi tan-negozju elettroniku u aspetti organizzattivi

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- l-użu ta' pakkett ta' softwer tal-ERP (l-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi) biex tinqasam l-informazzjoni fost oqsma funzjonali differenti,
- l-użu ta' kwalunkwe applikazzjoni ta' softwer għall-ġestjoni tal-informazzjoni dwar il-klijenti (Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti — is-softwer tas-CRM) li jippermetti lill-intrapriża taqbad, taħżen u tpoġġi għad-dispożizzjoni ta' funzjonijiet oħrajn tan-negozju, l-informazzjoni dwar il-klijenti tagħha,
- l-użu ta' kwalunkwe applikazzjoni ta' softwer għall-ġestjoni tal-informazzjoni dwar il-klijenti (Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti — is-softwer tas-CRM) li jippermetti l-analiżi tal-informazzjoni dwar il-klijenti għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni,
- l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni ta' Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista (SCM) ma' fornituri jew ma' klijenti biex jiġu kkoordinati d-disponibbiltà u t-twassil ta' prodotti jew ta' servizzi lill-konsumatur finali, mingħajr il-bżonn li l-informazzjoni tiddaħħal manwalment.
- (fakultattiv) il-bgħit ta' fatturi lil intrapriżi oħrajn jew lil awtoritajiet pubbliċi, matul is-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiv) il-perċentwal tal-fatturi kollha li ntbagħtu bħala fatturi elettroniċi ta' tifsila standard addattata għall-ipproċessar awtomatiku, lil intrapriżi oħrajn jew lill-awtoritajiet pubbliċi, matul is-snin kalendarji preċedenti,
- (fakultattiv) il-perċentwal tal-fatturi kollha li ntbagħtu bħala fatturi elettroniċi fforma li mhijiex addattata għall-ipproċessar awtomatiku, lil intrapriżi oħrajn jew lill-awtoritajiet pubbliċi, matul is-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiv) il-perċentwal tal-fatturi kollha li ntbagħtu biss bħala fatturi fuq il-karta, lil intrapriżi oħrajn jew lill-awtoritajiet pubbliċi, matul is-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiv) il-perċentwal tal-fatturi kollha li waslu bħala fatturi elettroniċi ta' tifsila standard li hija addattata għall-ipproċessar awtomatiku, matul is-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiva) il-perċentwal tal-fatturi kollha li waslu bħala fatturi jew fuq il-karta jew elettroniċi fforma li mhijiex addattata għall-ipproċessar awtomatiku, matul is-sena kalendarja preċedenti,

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jaqsmu l-informazzjoni ta' Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista b'mod elettroniku:

- l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni ta' Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista mal-fornituri jew mal-konsumaturi permezz ta' websajts (il-websajt tal-intrapriża, il-websajt tas-sħab tan-negozju jew il-portali tal-web),
- l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni ta' Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista mal-fornituri jew mal-klijenti permezz ta' skambju elettroniku ta' informazzjoni li tkun addattata għall-ipproċessar awtomatiku.

Is-sigurtà u l-fiducia fl-ICT,

Id-dettall li jrid jinġabar dwar l-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- il-preżenza ta' politika ddefinita b'mod formali dwar l-ICT.

Karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-intrapriżi li jużaw il-kompjuters u li għandhom politika ta' sigurtà tal-ICT iddefinita b'mod formali:

- riskju indirizzat fil-politika dwar is-sigurtà tal-ICT: it-tħassir jew il-korruzzjoni tad-dejta minħabba xi attakk jew minħabba xi inċident mhux mistenni,
- riskju indirizzat fil-politika dwar is-sigurtà tal-ICT: l-iżvelar ta' dejta kunfidenzjali minħabba interferenza, attakk ta' "pharming" jew "phishing" jew bi żball,
- riskju indirizzat fil-politika dwar is-sigurtà tal-ICT: waqfien tas-servizzi tal-ICT minħabba xi attakk minn barra (eżempju attakk li jikkawża nuqqas ta' servizz),
- il-perjodu tad-definizzjoni jew tal-analiżi l-aktar riċenti tal-politika tas-sigurtà tal-ICT ("fl-aħħar tnax-il xahar"; "aktar minn 24 xahar ilu"; "aktar minn 24 xahar ilu").

Il-kummerċ elettroniku

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- il-wasla ta' ordnijiet għal prodotti jew għas-servizzi li jkunu saru permezz ta' websajts jew applikazzjonijiet (bejgħ bl-Internet), fis-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiv) ostakli li jillimitaw jew jipprevjenu l-bejgħ permezz ta' websajt jew applikazzjoni minħabba li l-prodotti jew is-servizzi ma jkunux addattati biex jinbiegħu bl-Internet,
- (fakultattiv) ostakli li jillimitaw jew jipprevjenu l-bejgħ permezz ta' websajt jew applikazzjoni minħabba problemi loġistiċi,
- (fakultattiv) ostakli li jillimitaw jew jipprevjenu l-bejgħ permezz ta' websajt jew applikazzjoni minħabba problemi marbutin mal-ħlas,
- (fakultattiv) ostakli li jillimitaw jew jipprevjenu l-bejgħ permezz ta' websajt jew applikazzjoni minħabba problemi tal-ICT marbutin mas-sigurtà jew mal-protezzjoni tad-dejta,
- (fakultattiv) ostakli li jillimitaw jew jipprevjenu l-bejgħ permezz ta' websajt jew applikazzjoni minħabba problemi marbutin mal-qafas legali,
- (fakultattiv) ostakli li jillimitaw jew jipprevjenu l-bejgħ permezz ta' websajt jew applikazzjoni spejjeż ta' investiment għoljin meta mqabbla mal-benefiċċji mistennija,
- il-wasla ta' ordnijiet għal prodotti jew servizzi permezz ta' messaġġi tat-tip EDI (bejgħ tat-tip EDI), fis-sena kalendarja preċedenti,
- l-ordnijiet li saru għal prodotti jew għal servizzi permezz ta' websajt, applikazzjoni, jew messaġġi tat-tip EDI, fis-sena kalendarja preċedenti.

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-intrapriżi li rċevew ordnijiet permezz ta' websajts jew applikazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti:

- il-valur jew il-perċentwal tad-dħul totali tal-bejgħ kummerċjali elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet li saru bil-websajts, jew b'applikazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti,
- il-perċentwal tal-bejgħ kummerċjali elettroniku (dħul) lil konsumaturi privati (B2C) li jirriżulta minn ordnijiet li jkunu saru permezz ta' websajts jew applikazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti,
- il-perċentwal tal-bejgħ kummerċjali elettroniku (dħul) lil intrapriżi oħra (B2B) u bejgħ kummerċjali elettroniku lill-awtoritajiet pubbliċi (B2G) li jirriżulta minn ordnijiet li jkunu saru permezz ta' websajts jew applikazzjoni, fis-sena kalendarja preċedenti,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: mill-pajjiż tal-istabbiliment, fis-sena kalendarja preċedenti,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: minn pajjiżi oħra tal-UE, fis-sena kalendarja preċedenti,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: mill-bqija tad-dinja, fis-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiv) l-użu ta' sistemi ta' ħlas onlajn għal bejgħ permezz ta' websajt jew applikazzjoni, jiġifieri ħlas integrat mat-transazzjoni tal-ordni,
- (fakultattiv) l-użu ta' sistemi ta' ħlas offlajn għal bejgħ permezz ta' websajt jew applikazzjoni, jiġifieri ħlas mhux integrat mat-transazzjoni tal-ordni.

Il-karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-intrapriżi li rċevew ordnijiet għal prodotti jew servizzi permezz ta' messaġġi tat-tip EDI:

- il-valur jew il-perċentwal tad-dħul totali tal-bejgħ kummerċjali elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet li waslu permezz ta' messaġġi tat-tip EDI, fis-sena kalendarja preċedenti,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: mill-pajjiż tal-istabbiliment, fis-sena kalendarja preċedenti,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: minn pajjiżi oħra tal-UE, fis-sena kalendarja preċedenti,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: mill-bqija tad-dinja, fis-sena kalendarja preċedenti.

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-intrapriżi li għamlu ordnijiet permezz ta' websajt jew applikazzjoni jew messaġġi tat-tip EDI:

- (fakultattiv) l-ordnijiet għal prodotti jew għal servizzi mibgħuta permezz ta' websajt jew applikazzjoni, fis-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiv) l-ordnijiet għal prodotti jew għal servizzi mibgħuta permezz ta' messaġġi tat-tip EDI, fis-sena kalendarja preċedenti,
- l-ordnijiet li saru għal prodotti jew servizzi sa valur ta' mill-inqas 1 % tal-valur totali tax-xiri, permezz ta' websajt, applikazzjoni jew messaġġ tat-tip EDI matul is-sena kalendarja preċedenti.

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-intrapriżi li jkunu għamlu l-ordnijiet permezz ta' websajt, applikazzjoni jew messaġġ tat-tip EDI għall-valur ta' mill-inqas 1 % tal-valur totali tax-xiri fis-sena kalendarja preċedenti:

- (fakultattiv) xiri elettroniku skont l-oriġini: mill-pajjiż tal-istabbiliment, fis-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiv) xiri elettroniku skont l-oriġini: minn pajjiżi oħra tal-UE, fis-sena kalendarja preċedenti,
- (fakultattiv) xiri elettroniku skont l-oriġini: mill-bqija tad-dinja, fis-sena kalendarja preċedenti.

(c) Il-karatteristiċi li ġejjin dwar il-kuntest tal-impriża għandhom jinġabru jew jinkisbu minn sorsi alternattivi:

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi kollha:

- l-attività ekonomika prinċipali tal-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti,
- l-għadd medju ta' persuni impjegati, fis-sena kalendarja preċedenti.
- id-dħul totali (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti.

2. KOPERTURA

Il-karatteristiċi speċifikati fl-intestaturi 1(b) sa (c) ta' dan l-Anness għandhom jinġabru u jinkisbu għall-intrapriżi kklassifikati taħt l-attivitàjiet ekonomiċi li ġejjin, għad-daqsijiet ta' intrapriżi li ġejjin u bl-ambitu ġeografiku li ġej.

(a) Attività ekonomika: intrapriżi kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin tan-NACE Rev. 2:

Kategorija tan-NACE	Deskrizzjoni
Taqsuma C	"Manifattura"
Taqsimiet D, E	"Elektriku, gass u fwar, provvista tal-ilma, immaniġġjar ta' dranaġġ u ta' skart"
Taqsuma F	"Bini"
Taqsuma G	"Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' muturi"
Taqsuma H	"Trasport u ħażna"
Taqsuma I	"Akkommodazzjoni u attivitàjiet ta' servizzi marbuta mal-ikel"
Taqsuma J	"Informazzjoni u komunikazzjoni"
Taqsuma L	"Attivitàjiet marbuta ma' proprjetà immobbli"
Diviżjonijiet 69-74	"Attivitàjiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi"
Taqsuma N	"Attivitàjiet amministrattivi u ta' sostenn"
Grupp 95.1	"Tiswija ta' kompjuters u tagħmir għall-komunikazzjoni"

- (b) Daqs tal-intrapriża: intrapriża b'10 persuni impjegati jew aktar. Intrapriża b'inqas minn 10 persuni impjegati jistgħu jiġu koperti b'mod fakultattiv.
- (c) L-ambitu ġeografiku: intrapriżi li jinsabu fi kwalunkwe parti tat-territorju tal-Istat Membru.

3. PERJODI TA' REFERENZA

Il-perjodu ta' referenza hija s-sena 2014 għad-dettalji li jirreferu għas-sena kalendarja preċedenti. Il-perjodu ta' referenza huwa l-2015 għad-dettalji l-oħra.

4. TQASSIM

Għas-suġġetti u l-karatteristiċi ta' tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness, għandhom jingħataw il-karatteristiċi kurrentwali li ġejjin.

- (a) Tqassim tal-attività ekonomika: skont l-aggregati tan-NACE Rev. 2 li ġejjin:

Aggregazzjoni tan-NACE Rev. 2 għall-kalkolu possibbli tal-aggregati nazzjonali
10-18
19-23
24-25
26-33
35-39
41-43
45-47
47
49-53
55
58-63
68
69-74
77-82
26.1-26.4, 26.8, 46.5, 58.2, 61, 62, 63.1, 95.1
Aggregazzjoni tan-NACE Rev. 2 għall-kalkolu possibbli tal-aggregati Ewropej
10-12
13-15
16-18
26
27-28
29-30
31-33
45
46
55-56
58-60
61
62-63
77-78 + 80-82
79
95.1

- (b) Tqassim skont il-klassifika tad-daqs: id-dejta għandha tiġi maqsuma skont il-klassifiki tad-daqs li ġejjin skont l-għadd ta' persuni impjegati:

Klassifika tad-daqs

10 persuni impjegati jew aktar
 minn 10 sa 49 persuna impjegata
 minn 50 sa 249 persuna impjegata
 250 persuni impjegati jew aktar

Fejn ikun kopert, it-tqassim li ġej għandu jiġi applikat għall-intrapriżi li għandhom inqas minn 10 persuni impjegati. ("Il-ġbir tad-dettalji għall-klassifiki tad-daqs inqas minn 5 persuni impjegati" u "b'minn 5 sa 9 persuni impjegati" ikun fakultattiv.)

Klassifika tad-daqs

Inqas minn 10 persuni impjegati
 Inqas minn 5 persuni impjegati (fakultattiv)
 minn 5 sa 9 persuni impjegati (fakultattiv)

5. PERJODIĊITÀ

Id-dejta għandha tingħata darba għas-sena 2015.

6. SKADENZI

- (a) Id-dejta aggregata msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, fejn meħtieġ immarkata bħala kunfidenzjali jew mhux affidabbli, trid tiġi trazzmessa lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2015. Sa dakinhar, is-sett tad-dejta għandu jkun iffinalizzat, ivvalidat u aċċettat.
- (b) Il-metadejta msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 trid tintbagħat lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2015.
- (c) Ir-rapport dwar il-kwalità msemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat sal-5 ta' Novembru 2015.
- (d) Id-dejta u l-metadejta għandhom jingħataw lill-Eurostat skont l-istandard ta' skambju speċifikat mill-Eurostat permezz tas-servizzi tal-Punt tad-Dħul Uniku. Il-metadejta u r-rapport tal-kwalità għandhom jingħataw bit-tifsila standard tal-metadejta ddefinita mill-Eurostat.

ANNEX II

Modulu 2: Individwi, unitajiet domestiċi u s-soċjetà tal-informazzjoni

1. IS-SUĠĠETTI U D-DETTALJI TAGĦHOM

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2015, magħżula mil-lista fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma:

- l-aċċess għall-ICTs u l-użu tiegħu minn individwi u/jew unitajiet domestiċi,
- l-użu tal-Internet u networks elettroniċi oħra għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew unitajiet domestiċi,
- kompetenzi u ħiliet fl-ICT,
- ostakli għall-użu tal-ICT u l-Internet,
- l-użu tal-ICT minn individwi biex jiskambjaw l-informazzjoni u s-servizzi ma' amministrazzjonijiet governattivi u pubbliċi (e-gvern),
- l-aċċess għat-teknoloġiji u l-użu tagħhom li jippermettu konnessjoni mal-Internet jew ma' networks oħra minn kullimkien kull ħin (konnettività ubikwa)
- is-sigurtà u l-fiduċja fl-ICT.

(b) Għandhom jinġabru d-dettalji li ġejjin:

L-aċċess għall-ICT u l-użu tiegħu minn individwi u/jew minn unitajiet domestiċi

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar id-djar kollha:

- l-aċċess għal kompjuter mid-dar,
- l-aċċess għall-Internet mid-dar (bi kwalunkwe apparat).

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar id-djar li għandhom aċċess għall-Internet:

- it-tip ta' konnessjoni broadband li tintuża għall-aċċess tal-Internet mid-dar: konnessjoni broadband fissa, pereżempju DSL, ADSL, VDSL, kejbil, kejbil fibrottiku, satellita, konnessjonijiet WiFi pubbliċi,
- it-tip ta' konnessjoni broadband li tintuża għall-aċċess tal-Internet mid-dar: konnessjoni broadband mobbli (permezz ta' netwerk tat-telefown ċellulari, ta' mill-inqas 3G, pereżempju UMTS bl-użu ta' (SIM) card, jew ċavetta USB, telefown ċellulari jew smartphone li jintużaw bħala modem),
- (fakultattiv) it-tip ta' konnessjoni li tintuża għall-aċċess tal-Internet mid-dar: aċċess bil-linja normali tat-telefown billi jċempel jew permezz ta' ISDN,
- tip ta' konnessjoni broadband li tintuża għall-aċċess tal-Internet mid-dar: konnessjoni narrowband mobbli (permezz ta' netwerk tat-telefown ċellulari, ta' mill-inqas 3G, pereżempju 2G+/GPRS bl-użu ta' (SIM) card, jew ċavetta USB, telefown ċellulari jew smartphone li jintużaw bħala modem).

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-individwi kollha:

- l-użu l-aktar riċenti tal-kompjuter mid-dar, fuq il-post tax-xogħol jew f'post ieħor (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma ntużaw kompjuter).

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-individwi li jkunu użaw kompjuter f'dawn l-aħħar tliet xhur:

- il-frekwenza medja tal-użu tal-kompjuter (kuljum jew kważi kuljum; tal-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); inqas minn darba fil-ġimgħa),

L-użu tal-Internet għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew fid-djar

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-individwi kollha:

- l-aktar użu reċenti tal-Internet (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma ntuża l-Internet).

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-individwi li diġà jkunu użaw l-Internet:

- l-aktar attività ta' kummerċ bl-Internet riċenti għall-użu privat (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma xtraw jew ordnaw xejn fuq l-Internet).

Il-karatteristiċi li jridu jinġabru dwar l-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur:

- il-frekwenza medja ta' użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur (kuljum jew kważi kuljum; tal-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); inqas minn darba fil-ġimgħa),
- użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur biex wieħed jibgħat u/jew jirċievi l-emejls,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal skopijiet privati ta' telefonati minn fuq l-Internet, telefonati viżivi (permezz ta' webcam) minn fuq l-Internet (bl-użu ta' applikazzjonijiet bħal Skype jew Facetime),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal skopijiet privati ta' parteċipazzjoni f'netwerks soċjali (ħolqien ta' profil tal-utent, impustar ta' messaġġi jew xi kontribuzzjoni oħra),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal skopijiet privati biex wieħed itella' kontenut maħluq minnu stess (testijiet, ritratti, vidjos, mużika, softwer eċċ.) għat-tqassim fi kwalunkwe websajt,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal skopijiet privati biex wieħed jaqra aħbarijiet, gazzetti u rivisti tal-aħbarijiet onlajn,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal skopijiet privati biex wieħed ifittex it-tagħrif dwar is-saħħa (eż. dwar korriment, mard, nutriment, titjib tas-saħħa),
